# TRIBUNAL INDUSTRIJALI
# Decizjoni Numru 1778

**Kaz Numru 2392**

**Fil-kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**Angelo Schembri**

**u**

**Louisette Dei Conti Sant Manduca f'isimha proprju u in rapprezentanza ta' Fontanella Tea Gardens**

Illum it-Tlieta 17 ta' April 2007

dwar tkeccija allegata li hi ingusta

**1. Riferenza**

Dan il-kaz gie rriferit lit-Tribunal Industrijali permezz ta' nota pprezentata fir-Registru tal-Qorti Superjuri fl-10 ta' Awwissu 2006.

**2. Rapprezentanza**

2.1 Angelo Schembri li minn issa 'l quddiem ser jissejjah ir-rikorrent kien assistit mill-Avukata Veronique Dalli.

2.2 Il-kontro parti Louisette Dei Conti Sant Manduca ezercitanti fil-kummerc taht l-isem Fontanella Tea Rooms li minn issa 'l quddiem ser tissejjah l-intimata kienet irrapprezentata minn Louisette Dei Conti Sant Manduca kienet assistit mill-Avukat Andrew Borg-Cardona .

**3. Fatti tal-kaz**

Ir-rikorrent Angelo Schembri kien impjegat ma' Louisette Dei Conti Sant Manduca ezercitanti fil-kummerc taht l-isem Fontanella Tea Rooms ghal madwar tmien snin bhala Co-Ordinator. Nhar is-16 ta' Gunju 2006 hu kien

mgharraf minn Louisette Dei Conti Sant Manduca permezz ta' telefonata li ma kellux ghalfejn jidhol aktar ghax-xoghol ghaliex l-impjieg tieghu kien terminat. Meta staqsa ghar-ragini tat-temma ta' l-impjieg, Louisette Dei Conti Sant Manduca allegatament wiegbitu li l-kaz kien maghluq.

Louisette Dei Conti Sant Manduca ezercitanti fil-kummerc taht l-isem Fontanella Tea Rooms fuq inizjattiva taghha, hallset lir-rikorrent is-somma ta' LM1,567 bhala hlas ghat-temma ta' l-impjieg izda naqset li tati lir-rikorrent riferenza accettabbli ghalieh u iddikjarat li r-rikorrent kien imkecci mill-impjieg.

## 4. Lista tax-xhieda

Il-kaz intemm minghajr htiega ta' xhieda

## 5. Lista ta' dokumenti

5.1 Louisette Dei Conti Sant Manduca ezercitanti fil-kummerc taht l-isem Fontanella Tea Rooms esebiet

- l-istqarrija tal-kaz
- ricevuti minghand ir-rikorrent dwar hlas immarkata Dok.A
- zewg twiddibiet dixxiplinarji datati 29.03.06 immarkati Dok. B u Dok.C

5.2 Ir-rikorrent esebixxa

- l-istqarrija tal-kaz.
- kopja ta' l-FSS ghas-sena li taghlaq fil-31.12.05 immarkata Dok. VD1
- dikjarazzjoni dwar il-kaz li kienet tifforma parti mir-rikors

## 6. Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal Industrijali

Wara stedina mit-Tribunal Industrijali biex il-partijiet jintransigu bejniethom bil-ghan li jintlahaq ftehim bonarju Louisette Dei Conti Sant Manduca ezercitanti fil-kummerc taht l-isem Fontanella Tea Rooms, iddikjarat li t-temma ta' l-impjieg tar-rikorrent saret minhabba ristrutturizzazzjoni, accettat li thallas lir-rikorrent is-somma ta' Lm200 ohra, li tirrilaxxa riferenza accettabbli ghar-rikorrent u li taghmel dak kollu li jista' jkun mitlub minnha mill-Korporazzjoni dwar l-Impjieg u Tahrig biex ir-raguni ghat-temma ta' l-impjieg tkun tirrifletti d-dikjarazzjoni li ghamlet quddiem it-Tribunal Industrijali.

Minn naha tieghu r-rikorrent accetta li jirtira l-kaz

## 7. Decizjoni

It-Tribunal Industrijali

7.1 wara li sema' t-trattazzjoni tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet u evalwa d-dokumenti kollha, jiddeciedi li t-temma ta' l-impjieg ta' Angelo Schembri kien ghal raguni ta' ristrutturizzazzjoni.

7.2 ordna li din id-decizjoni tingieb ghal konjizzjoni tal-Korporazzjoni dwar L-Impjiegu u Tahrig u jordna lill-istess Korporazzjoni tibdel ir-raguni ghat-temm ta' l-impjieg ta' Angelo Schembri minn "Tkeccija b'dixxiplina" ghal "Nuqqas ta' xoghol minhabba ristrutturizzazzjoni".

Ghall-fini ta' taxxa u drittijiet it-Tribunal Industrijali jiffissa s-somma ta' Erbghin Liri Maltin (Lm40).

____________________

**Anthony DeGiovanni**
**Chairman**